MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1049/2010

**Avukat Dr. Edward DeBono bhala mandatarju tal-assenti Franz J. Abel bhala kuratur tal-falliment tas-socjeta' estera assenti MyGuide Limited, socjeta' estera registrata f'Hong Kong ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**vs**

**No Stop Technology Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-18 ta' Otturbru 2010 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti nomine huwa kreditur tas-socjeta' intimata fis-somma ta' €79,141.68 (disgha u sebghin elf mija wiehed u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmu) oltre l-imghax legali mit-3 ta' Mejju 2007, skond invoices

numri 100757, 100887, 100977, u credit note 700096, rapprezentanti bejgh u konsenja ta’ diversi partiti ta’ Typhoon B Products u A Products mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ intimata;

2. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skaut u jirrizulta mill-invoices hawn anness u mmarkat bhala dokumenti ED1 sa ED4;

3. Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi biex ihallas dan id-debitu anki b’ittra legali tas-17 ta’ Awwissu 2010, dan baqa’ inadempjenti;

4. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenuti m’ghandhom ebda ecezzjoni valida fil-ligi xi jressqu kontra t-talba tar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti nomine jafu personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta’ dawk il-persuni kollha ndikati fil-lista tax-xhieda annessa ma’ dan ir-rikors;

Ghaldaqstant ighidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensata mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167/170 ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-artikoli 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu s-somma ta’ €79,141.68 (disgha u sebghin elf mija wiehed u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmu) oltre l-imghax legali mit-3 ta’ Mejju 2007, skond invoices numri 100757, 100887, 100977, u credit note 700096, rapprezentanti bejgh u konsenja ta’ diversi partiti ta’ Typhoon B Products u A Products mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ intimata;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta’ Awwissu 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 1532/10 u dan bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tisma’ u tiddeciedi t-tilwima de quo u dana ai termini tal-artikolu 23 tal-Council Regulation (EC) 44/2001 tat-22 ta’ Dicembru 2000;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti nomine jridu jgibu prova illi l-assenti Franz J. Abel huwa l-kuratur tal-falliment tas-socjeta’ MyGuide Limited;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespot, mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti nomine flimkien mar-rikors guramentat taghhom ma jirrizultax illi s-socjeta’ intimata kienet ordnat partiti ta’ Typhoon B Products u A Products minghand is-socjeta’ MyGuide Limited u mill-istess dokumenti lanqas ma jirrizulta illi s-socjeta’ MyGuide Limited kienet bieghet u ikkonsenjat partiti ta’ Typhoon B Proudcts u A Products lis-socjeta’ intimata, hekk kif allegat mir-rikorrenti nomine fir-rikors guramentat taghhom;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ intimata m’ghandha thallas l-ebda ammonti lir-rikorrenti nomine u dana stante illi s-socjeta’ MyGuide Limited kienet inadempjenti u kisret l-obbligazzjonijiet taghha versu s-socjeta’ intiamta;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta giet deciza b’sentenza tat-30 ta’ Gunju 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-3 ta' April 2012.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta estera MyGuide Limited li taghha Franz S. Abel qed jidher bhala kuratur tal-falliment tal-istess socjeta qed titlob il-hlas ta' €79,141.68 ta' prodotti mibjugha u konsenjati lis-socjeta konvenuta skond invoices esebiti numri 100757, 100887, 100977 u credit note numru 700096.

**Eccezzjoni rigward il-prova li Franz Abel hu l-kuratur tal-falliment**

Fl-affidavit u kontroezami ta' Dr. Christian Pisani a fol. 38 et seq. u 83 et seq. tal-process ikkonferma bil-gurament illi hu avukat jippratika fil-Germanja u gie ingaggat mill-likwidatur tas-socjeta MyGuide Limited wara Mejju 2007 biex jigbor assi li jappartjenu lill-istess socjeta. Hu kkonferma illi Franz Abel gie appuntat likwidatur fit-23 ta' Mejju 2007 mill-Qorti Regjonali ta' Saarbrucken.

Ghalkemm ma gie pprezentat ebda dokument ufficjali dwar in-nomina ta' Franz Abel, pero x-xhieda taht gurament ta' Dr. Christian Pisani bl-ebda mod ma giet kontradetta u ghalkemm kien ikun ahjar ghal aktar trasparenza illi jigi esebit dokument ufficjali tan-nomina ta' Franz Abel bhala likwidatur ta' MyGuide Limited, din il-Qorti ma ghandhiex dubbju fondat li dan mhux il-kaz.

Ghalkemm Franz Abel ghamel affidavit a fol. 128 tal-process rigward l-kreditu dovut lil MyGuide Limited ma jaghmel ebda referenza ghall-inkarigu tieghu bhala likwidatur hlief li jiddiskrivi ruhu hekk fl-istess affidavit.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi hemm prova bizzejjed illi Franz Abel hu fil-fatt likwidatur ta' MyGuide Limited.

**Prova dwar il-kreditu**

Kemm Franz Abel u Dr. Pisani jikkonfermaw illi s-socjeta konvenuta hi debitrici tas-socjeta attrici skond l-invoices esebiti u illi dawn l-ammonti ghadhom ma thallsux.

Jirrizulta illi s-socjeta konvenuta kienet registrata gewwa l-Italja izda skond ix-xhieda ta' Davide Santoro a fol. 26 tal-process, li kien manager, amministratur u rapprezentant ta' No Stop Technology Limited mill-2001 sal-2010 din il-kumpanija giet ridomiciljata f'Malta u registrata mall-MFSA bin-numru C49765.

Is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti stabbiliet illi ma kien hemm ebda distributorship agreement bejn il-partijiet u allura dak li hemm bejn il-partijiet hu negozju ta' bejgh ta' prodotti mis-socjeta attrici lil dik konvenuta skond invoices li jirrizultaw mill-atti. Stabbiliet ukoll li ma kien hemm ebda kondizzjoni ta' gurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati Germanizi kif allegat mis-socjeta konvenuta.

Ghalhekk dak li jrid jigi deciz hu liema ligi hi applikabbli ghal dan in-negozju bejn socjeta venditrici registrata Hong Kong pero bl-agenzija li minnha gie effettwat il-bejgh gewwa l-Germanja f'kont bankarju fil-Germanja u b'VAT registrat Germaniz u socjeta kumpratrici Taljana li fi zmien il-bejgh cioe l-2007 kienet ghadha registrata l-Italja u li fl-2010 giet ridomiciljata f'Malta.

Il-ligi suprema li tirregola l-ligi applikabbli f'kaz ta' kuntratti ta' bejgh ta' oggetti hu r-regolament Ewropej 593/2008 maghruf bhala Rome 1. L-artikolu 4(1) ighid illi fejn il-partijiet ma ftehmux liema ligi ghandha tapplika ghal ftehim, il-tigi applikabbli skond is-subinciz (a) tal-istess artikolu hu l-ligi fejn il-bejjiegh ghandu r-residenza abitwali.

l-artikolu 19(2) inoltre jghid illi:
Where the contract is concluded in the course of operations of a branch, agency or other establishment, or if, under the contract, performance is the responsibility of such a branch, agency or establishment, the place where

the branch, agency or other establishment is located shall be treated as the prove of habitual residence.

Hu ghalhekk car illi n-negozju f'din il-kawza kienu taht ir-responsabilta tal-agenzija Germaniza tas-socjeta attrici billi kif intqal aktar il-fuq, il-bejgh sar minn dik l-agenzija, il-prezz kellu jithallas lill-istess agenzija f'bank il-Germanja u l-VAT numru tal-istess agenzija hu dak Germaniz kif jidher mill-invoices allegatament mhux imhallsin.

Il-ligi applikabbli ghalhekk fic-cirkostanzi hi dik Germaniza u skond ix-xiehda ta' Dr. Pisani a fol. 123 et seq. tal process, il-ligi Germaniza hi fis-sens li taghmel applikabilita ghal Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar "Contracts for the International Sale of Goods" li taghha l-Germanja hi firmatarja. L-artikolu 54 tal-istess Konvenzjoni taghti dritt lis-socjeta attrici li tesigi l-hlas ta' bejgh ta' merkanzija. Fil-fatt l-artikolu 54 ighid:
The buyer's obligation to pay the price taking such steps and complying with such formalities as may be required under the contract or any laws and regulations to enable payment to be made.

Jidher ghalhekk illi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u dan peress li ma ngiebu ebda provi mis-socjeta konvenuta ghaliex l-ammont mhux dovut. Hu minnu illi s-socjeta konvenuta ghamlet eccezzjoni fis-sens illi d-deskrizzjoni tal-merkanzija fl-att promotur ma jirrizultax mill-invoices esebiti. Din il-Qorti ma tqis illi d-deskrizzjoni wahedha ghandha twassal ghac-cahda ghat-talba ghal hlas sakemm ma jigix pruvat illi l-merkanzija imsemmija fl-invoices ma gietx mibjugha jew li gia thallas il-prezz taghha. Is-socjeta konvenuta naqset li taghmel dan.

Anzi s-socjeta konvenuta donnu tbiddel il-linja tad-difiza fir-raba eccezzjoni billi tallega li s-socjeta konvenuta ma ghandha thallas xejn billi kienet inadempjenti u ma onoratx l-obbligi taghha. Pero anki hawn ma saret ebda prova ta' dan.

Ghalhekk anki dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

Qabel taghlaq, il-Qorti tirreferi ghax-xiehda prodotta mis-socjeta attrici in konnessjoni ma allegat kreditu iehor dovut lis-socjeta Anubis Electronic, li ghaliha pero din il-Qorti mhix ser taghti ebda konsiderazzjoni billi din is-socjeta mhix parti f'din il-kawza u lanqas il-kreditu allegatament dovut lilha.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha ikkunsidrati minn din il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' €79,141.68 rapprezentanti bejgh u konsenja ta' diversi partiti, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mit-3 ta' Mejju 2007 kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------